MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1243/2008

**APS Bank Limited (Reg Numru C 2192)**
**Vs**
**Emanuel Schembri (ID Numru 170165M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fit-12 ta’ Dicembru, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

1. Illi l-intimat Emanuel Schembri huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ disgha u ghoxrin elf, disgha mija u tnejn u tletin Euro u sbatax -il Euro centezmu (Euro 29,932.17), rappreżentanti in kwantu disgha t’elef, sebgha mija u tmien Euro u tletin Euro centezmu (Euro 9,708.30) bilanc dovut fuq il-Kont *AgriPlus Loan I* numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha tnejn disgha tmienja wiehed wiehed (20000429811) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A], in kwantu ghal sitt t’elef, sitt mija u hamsa u erbghin Euro u sebgha

u sebghin Euro centezmu (Euro 6,645.77) bilanc dovut fuq il-kont *AgriPlus Loan II* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn hamsa wiehed disgha tlieta tmienja tlieta (20000519383) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B], in kwantu ghal hames t'elef, sitt mija u sebgha Euro u tnejn u tletin Euro centezmi (Euro 5,607.32) bilanc dovut fuq Loan Account bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha hamsa wiehed sitta xejn (20000495160) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C], in kwantu ghal sebgha t'elef, tmien mija u zewg Euro u hames Euro centezmi (Euro 7,802.05) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha tnejn tmienja tmeinja tnjen sitta (20000428826) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument D], in kwantu ghal tnejn u sebghin Euro u sebgha u sittin Euro centezmu (Euro 72.67) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sebgha xejn tmienja disgha sitta hamsa (20000708965) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument E], in kwantu ghal disgha u erbghin Euro u zewg Euro centezmi (Euro 49.02) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sebgha xejn tmienja disgha tmienja sebgha (20000708987) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument F] u in kwantu ghal sebgha u erbghin Euro u erbgha Euro centezmi (Euro 47.04) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sebgha xejn tmienja disgha sebgha sitta (20000708976) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument G], oltre l-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju, 2008 sal-pagament effettiv.

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti u fil-fehma ta' l-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Aritikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tal-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta` rikorrenti, inkluz b'ittra legali datata 5 ta' Settembru 2008 u ittra ufficjali ddatata 15 t'Ottubru 2008, [kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dokument H u Dokument I rispettivament] huwa baqa' nadempjenti;

4. Illi s-socjeta` rikorrenti qed tintavola Mandat ta' Sekestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;

5. Illi r-rapprezentanta tas-socjeta` rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab ghaldaqstant, prevja id-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

**1.** Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, disgha mija u tnejn u tletin Euro u sbatax -il Euro centezmu (Euro 29,932.17), rappreżentanti in kwantu disgha t'elef, sebgha mija u tmien Euro u tletin Euro centezmu (Euro 9,708.30) bilanc dovut fuq il-Kont *AgriPlus Loan I* numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha tnejn disgha tmienja wiehed wiehed (20000429811) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A], in kwantu ghal sitt t'elef, sitt mija u hamsa u erbghin Euro u sebgha u sebghin Euro centezmu (Euro 6,645.77) bilanc dovut fuq il-kont *AgriPlus Loan II* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn hamsa wiehed disgha tlieta tmienja tlieta (20000519383) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B], in kwantu ghal hames t'elef, sitt mija u sebgha Euro u tnejn u tletin Euro centezmi (Euro 5,607.32) bilanc dovut fuq Loan Account bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha hamsa wiehed sitta xejn (20000495160) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C], in kwantu ghal sebgha t'elef, tmien mija u zewg Euro u hames Euro centezmi (Euro 7,802.05) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha tnejn tmienja tmienja

tnejn sitta (20000428826) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument D], in kwantu ghal tnejn u sebghin Euro u sebgha u sittin Euro centezmu (Euro 72.67) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnjen xejn xejn xejn xejn sebgha xejn tmienja disgha sitta hamsa (20000708965) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument E], in kwantu ghal disgha u erbghin Euro u zewg Euro centezmi (Euro 49.02) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sebgha xejn tmienja disgha tmienja sebgha (20000708987) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument F] u in kwantu ghal sebgha u erbghin Euro u erbgha Euro centezmi (Euro 47.04) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn sebgha xejn tmienja disgha sebgha sitta (20000708976) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument G], oltre l-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju, 2008 sal-pagament effettiv

Bl-ispejjeż, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ddatata 15 t'Ottobru 2008 u tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li huwa mil-lum ingunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Semghet lil Maria Gatt, ghall-bank attur, tiddikjara illi sa llum l-konvenut baqa' ma hallas xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur kif dedotti fir-rikors guramentat; bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------